# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2002

## Avviz numru : 84/2001GT(GM)

**S. Mifsud & Sons Limited**

**vs**

**A.F. Ellis (Trading) Limited**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Peress illi fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, s-socjeta' attrici provdiet servizz ta' garr ta' merkanzija lejn Malta abbord il-bastiment MV Lince (vjagg numru 270) li dahal Malta fil-5 ta' Dicembru 2000, skond bill of lading numru 24/30.**

**U peress illi ghal dan il-garr is-socjeta' konvenuta ghandha thallas is-somma ta' seba' mija u disghin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm790.89).**

**Peress illi s-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallas dan l-ammont minghajr gustifikazzjoni u minkejja diversi interpellazzjonijiet hija baqghet inadempjenti.**

**Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata minn dan l-Onorabbli Tribunal li:**

1. **Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u disghin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm790.89) kif fuq dovuti.**

2. **Thallas l-imghaxijiet skond il-ligi mill-5 ta' Dicembru 2000 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kollha inkluzi l-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji spediti u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju gia prezentat fl-ismijiet identici. Bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta minn issa ghas-subizzjoni."**

**Ra r-risposta ghall-avviz:**

1. **L-ammont pretiz m'huwiex dovut fl-intier ghaliex is-socjeta' attrici bhala mandatarja tas-socjeta' estera "Ignazio Messina & C. s.p.a." naqset illi tipproduci c-certifikat maghruf bhal Eur1. Bhala rizultat, id-ditta konvenuta kellha thallas depositu d-dwana ta' tlett mija u hdax-il lira (Lm311), liema somma ghadha ma gietx rifuza lis-socjeta' konvenuta minkejja illi dan ic-certifikat gie prodott mis-socjeta' attrici ftit jiem biss qabel ma nbdew dawn il-proceduri.**

2. **Fit-tieni lok, is-socjeta' attrici ssovraffatturat lis-socjeta' konvenuta bis-somma ta' mitejn u sitt liri 42 centezmu fir-rigward ta' konsenja li walset mal-'M.V. Linda' li waslet fil-15 t'April 2001. Dina s-sovraffatturazzjoni saret unikament tort tas-socjeta' attrici kif ser jigi ppruvat u dana peress illi stante n-natura urgenti tal-konsenja, kellha tingarr bit-'truck' wara li s-socjeta' attrici naqset illi tghabbi permezz tal-trenn. Is-socjeta' attrici imliet cekk vojt li tghaddielha mill-burdnar minkejja illi ma kinetx awtorizzata tiehu l-flus zejda li kienet qed tirreklama u dana anke kif iddikjarat mis-sur Max Mifsud, kienet ha tistenna tali awtorizzazzjoni.**

3. **Is-socjeta' konvenuta offriet illi thallas id-differenza li tirrizulta ta' mitejn u tlieta u sebghin lira 47 centezmu (Lm 273.47) izda s-socjeta' attrici naqset illi taghti risposta ghal din l-offerta u minflok bdiet dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, is-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.**

**Ra l-kontro-talba:**

**"Is-socjeta' rikonvenuta approprjat minghajr ebda awtorizzazzjoni tas-socjeta' konvenuta s-somma ta' mitejn u sitt liri 42 centezmu u dana billi mliet cekk vojt li thalla ghandha mill-burdnar. Din is-somma kienet tirrapprezenta l-ispejjez zejda sabiex il-kunsinna msemmija fit-tielet paragrafu tar-risposta titwassal sal-vapur 'M.V. Linda'. Minhabba zball tal-mandanti tas-socjeta' rikonvenuta, intuza t-trakk minflokk it-tren u dan irrizulta fi spejjez zejda li s-socjeta' konvenuta hallset minghajr ma tat l-ebda awtorizzazzjoni ghal tali hlas. Ghaldaqstant is-socjeta' attrici ghandha tigi kkundannata tirrifondi s-somma in kwistjoni lis-socjeta' konvenuta."**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba:**

1. **"Illi d-domandi kontenuti fil-kontro-talba huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.**

2. **Illi t-talba konvenuta bhala kontro-talba ma tistax tissussisti stante li tirrizulta minn negozju distint u apparti minn dak msemmi fit-talba originali.**

3. **Illi fin-negozju msemmi fil-kontro-talba s-socjeta' attrici kienet qed tagixxi bhala agenta filwaqt li fit-talba originali kienet qed tagixxi proprio. Ghalhekk il-kontro-talba ma tistax tkun diretta kontra taghha."**

**Sema' l-provi, ra d-dokumenti esibiti u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet kemm miktuba kif ukoll orali tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet kontendenti;**

**Ikkunsidra;**

**Illi l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa dwar jekk is-socjeta' attrici hix responsabbli ghall-hrug tac-certifikat Eur.1 zbaljat kemm ghal dak li jirrigwarda ammont ta' pellets (gie mnizzel l-ammont ta' seba' (7) minflok erbatax (14)-il pellet) kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-piz.**

**Illi l-merkanzija in kwistjoni wara li ttiehdet minghand is-*supplier,* ingarret mill-agenti tas-socjeta' attrici l-ewwel fuq l-art imbaghad permezz tal-bahar. Dwar il-garr fuq il-bahar hemm konvenzjoni li giet ratifikata mill-istat Malti , izda il-kwistjoni bejn il-partijiet, kemm tat-talba kif ukoll tal-kontro-talba, tirrigwarda biss il-parti tal-vjagg li saret fuq l-art. Il-garr ta' merkanzija bejn pajjiz u iehor fuq l-art hija regolata mil-ligi internazzjonali permezz tal-*Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road (CMR)(Geneva, 19 May 1956).* Din il-konvenzjoni ma jirrizultax lit-Tribunal li qatt giet ratifikata mill-istat Malti. Ghalhekk, almenu mill-punto di vista tal-ligi lokali, din il-konvenzjoni *ut sic* mhix parti mil-ligi ta' Malta, izda billi hija ratifikata minn ghadd kbir ta' pajjizi, bla dubbju ir-regoli minnha stabbiliti jikkostitwixxu <u>uzu tal-kummerc</u> li huwa vinkolanti daqs ligi purke' ma tiddisponix mod iehor il-ligi tal-kummerc (ara Artiklu 3, Kap 13) u purke' ma jkunx hemm ftehim ghall-kuntrarju bejn il-partijiet kontraenti.**

**Illi jirrizulta li c-certifikat tal-Euro 1 gie originarjament rilaxxjat, u ffirmat, mis-*supplier, Sichenia Gruppo Ceramiche* fit-30 ta' Novembru 2000 (ara Dok SMS – 8 a fol 37 tal-process). Is-Sur Charles Borg, ufficcjal tad-ditta attrici, li ilu jahdem ma' din il-kumpannija ghal 45 sena, u li ghalhekk huwa veteran f'dan ix-xoghol, qal li l-prattika hi li dan id-dokument jigi rilaxxjat mill-fornitur (*supplier)*, u li l-kurrier mhux responsabbli ghall-kontenut tieghu. Difatti, dan hu konformi**

**ma' dak li tistipula l-Konvenzjoni fuq imsemmija, fl-Artiklu 11 taghha:**

***1. For the purposes of the Customs or other formalities which have to be completed before delivery of the goods, the sender shall attach the necessary documents to the consignment note or place them at the disposal of the carrier and shall furnish him with all the information which he requires.***
***2. The carrier shall not be under any duty to enquire into either the accuracy or the adequacy of such documents and information. The sender shall be liable to the carrier for any damage caused by the absence, inadequacy or irregularity of such documents and information, except in the case of some wrongful act or neglect on the part of the carrier.***

**Illi pero' skond l-istess xhud, is-socjeta' attrici kienet izzomm sebghin dollaru amerikan (70$) kemm ghall-passi tad-dwana kif ukoll ghall-Eur.1(ara fol 20 tal-process). Fil-fehma tat-Tribunal, galadarba s-socjeta' attrici rceviet hlas ghall-ipprocessar tal-Eur.1, allura assumiet ir-responsabilta' li tivverifika – almenu safejn ikun prattikabbli – il-korrettezza tieghu. Altrimenti tkun qieghdha ticcargja l-flus ta' xejn. Fi kliem iehor, hemm ftehim li jaghmel iktar oneruza l-obbligazzjoni tal-kurrier.**

**Illi s-socjeta' attrici sussegwentement u cioe' fil-25 ta' Novembru 2001 ottjeniet l-Euro 1 korrett u ghaddietu lis-socjeta' konvenuta (ara fol 41 tal-process). Il-kawza giet istitwita fit-30 ta' Novembru 2001, filwaqt illi kien biss wara l-kawza u cioe' fit-2 ta' Jannar 2002, li s-socjeta' konvenuta giet rimborsata tal-flus zejda rapprezentanti hlas doganali li kienet harget kawza tal-hrug tal-Eur. 1 skorrett.**

**Illi rigward il-kontro-talba, kuntrarjament ghal dak li tissottometti s-socjeta' attrici, m'hemmx dubbju li din hija ammessa quddiem it-Tribunal, tant li hija espressament imsemmija mill-istess ligi. Artiklu 5 tal-avviz legali numru 145 tal-1995 jistipula hekk:**
***(1) Konvenut jista' fir-risposta tieghu jaghmel kontro-talba kontra l-parti li taghmel it-talba***
***(2) il-parti li tkun ghamlet it-talba tista' twiegeb ghall-kontro-talba billi tipprezenta risposta ta' kontro-talba.***

**Dan ihalli diskrezzjoni wiesa' f'idejn it-Tribunal, li gie istitwit mil-legislatur mhux biex isir *de facto* qorti ohra, imma proprju biex tigi amministrata l-gustizzja b'mod spedituz u sommarju, minghajr formalizmu zejjed, u skond l-ekwita: *It-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-***

*ekwita* (Art 7(1), Kap 380). Fi kwalunkwe kaz, il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta tinkwadra ruhha anke fil-parametri moghtija lill-Qrati ordinarji billi ghandha l-iskop li b'xi mod tpaci l-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici (ara Artiklu 396 ta' Kap 12), u huwa nkoncepibbli li l-legislatur seta' ried li l-kontrotalba quddiem semplici Tribunal kostitwit ghall-ispeditezza kif fuq spjegat tkun iktar ristretta minn kontro-talba quddiem il-Qrati. Veru li fil-formola tal-avviz hemm miktub, fl-istruzzjonijiet dwar kif ghandha ssir risposta li, *sabiex tkun tista' taghmel kontro-talba, it-talba tieghek stess irid ikollha x'taqsam ma' jew tkun tirrigwarda t-talba li l-attur ikun ghamel kontrik*. Imma dawn huma semplici struzzjonijiet biex iservu ta' gwida ghal-litigant lajk li jithajjar jaghmilha ta' avukat, u mhux preskrizzjoni legislattiva bhalma hu l-avviz legali precitat. Fi kwalunkwe kaz, m'ghandhux jinghata interpretazzjoni restrittiva, ghax dan mhux fl-ispirtu u fl-iskop ta' Kap 380, anzi jkun stultifikazzjoni u menomazzjoni flagranti tal-istess ligi; quddiem it-Tribunal m'hemmx post ghar-regoli ta' stretta interpretazzjoni kif japplikaw il-Qrati ghalihom infushom taht ir-regim ta' Kap 12.

Illi jirrizulta mill-provi li d-dewmien fit-tghabija gie kkawzat in parti mis-*suppliers* li kienu huma responsabbli ghat-tghabija tal-merkanzija mill-fabbriki rispettivi taghhom ghal gol-*containers* u in parti l-istess socjeta' konvenuta li ma nfurmatx lis-socjeta' attrici b'wiehed mill-fornituri. Is-socjeta' attrici mbaghad hadet l-isbriga li thallas extra ghal mezz ta' trasport alternattiv sabiex jintlahaq il-vapur, u dan billi s-socjeta' konvenuta bdiet tilmenta li kellha bzonn il-merkanzija fid-data miftiehma billi kellha tonora tempestivament tenders li kienet dahlet ghalihom.

Illi l-konvenzjoni msemmija tghid li *the carrier shall be liable… for any delay in delivery* (Art 17 para 1) b'dana li *the carrier shall, however, be relieved of liability if…..the delay was caused by the wrongful act or neglect of the claimant,……….. or through circumstances which the carrier could not avoid and the consequences of which he was unable to prevent.*(Art 17 para 2). Artiklu 14 jawtorizza lill-kurrier biex jekk ghal xi raguni ssir impossibbli li jesegwixxi l-kuntratt, huwa jitlob struzzjonijiet minghand (f'dan il-kaz) il-klijent, u fin-nuqqas ta' tali struzzjonijiet *he shall take such steps as seem to him to be in the best interests of the person entitled to dispose of the goods.* Imbaghad Artiklu 16 jaghmilha

**cara li *the carrier shall be entitled to recover the cost of his request for instructions, and any expenses entailed in carrying out such instructions, unless such expenses were caused by the wrongful act or neglect of the carrier.***

**Illi tabilhaqq, billi d-dewmien fit-toghbija ma kienx ikkawzat mis-socjeta' attrici, din setghet facilment ghazlet it-triq il-hafifa u ghabbiet il-merkanzija ma' vapur iehor iktar tard, izda minflok hadet il-passi necessarji sabiex il-merkanzija tasal fil-hin ghax hekk talbet u esigiet is-socjeta' konvenuta. Ta' dan m'ghandhiex tigi ppenalizzata s-socjeta' attrici.**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' LM790.89c b'dan li l-imghax legali jiddekorri biss mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv u l-ispejjez tal-avviz kif ukoll tar-risposta,tal-ittri interpellatorji, u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, kif ukoll id-drittijiet gudizzjarji tal-avukati tal-partijiet kontendenti jkunu a kariku tas-socjeta' attrici filwaqt illi jichad il-kontro-talba u jordna li l-ispejjez in konnessjoni mal-istess inkluzi d-drittijiet professjonali tal-avukati relattivi jkunu a kariku tas-socjeta' konvenuta.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**